2026/1727

13.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1727

tal-10 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet introdotti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 187 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 ([2]) jistabbilixxi r-regoli għall-ġestjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni għall-prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni u jipprevedi regoli speċifiċi għal dik il-ġestjoni.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 ([3]) jistabbilixxi r-regoli għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji tal-importazzjoni mfassla biex jintużaw skont l-ordni kronoloġika tad-dati ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali (il-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel").

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/996 ([4]) introduċa, fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988, bidliet li rriżultaw mill-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra ("l-ITA") ([5]) fir-rigward tal-kwoti tariffarji.

(4) L-ITA ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Mejju 2026. Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996 japplika mill-1 ta' Mejju 2026 ukoll.

(5) Fit-tabelli għall-kwoti tariffarji bin-numri tal-ordni 09.4920 u 09.4925 fl-Anness VIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761, hija meħtieġa prova tal-kummerċ jekk ir-rekwiżit tal-kwantità referenzjali ikun sospiż. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita l-kwantità minima għall-prova tal-kummerċ, f'każ li tkun meħtieġa.

(6) L-ITA jipprevedi li l-Unjoni tiftaħ kwota tariffarja għal-laħam tal-majjal li joriġina mill-Paragwaj. Dik il-kwota tariffarja nfetħet bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996. Il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4945 fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 tikkonċerna l-laħam tal-majjal li joriġina mill-Paragwaj biss. Għalhekk, fit-tabella tal-kwota tariffarja għal dik il-kwota, l-oriġini "Paragwaj" hija indikata sew fir-ringiela tal-oriġini. Madankollu, ir-ringiela "Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja" fiha test kontradittorju: fit-tieni u r-raba' sentenzi, ir-referenzi għall-oriġini "Mercosur" ma kinux korretti peress li l-oriġini tal-laħam tal-majjal kellha tkun il-Paragwaj biss u mhux l-Istati tal-Mercosur kollha.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/761 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1306/2013, (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwoti tariffarji bil-liċenzji (ĠU L 185, 12.6.2020, p. 24, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/761/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1988 tal-11 ta' Novembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji fuq l-importazzjoni f'konformità mal-prinċipju "min jiġi l-ewwel, jinqeda l-ewwel" (ĠU L 422, 14.12.2020, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1988/oj).

([4]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/996 tad-29 ta' April 2026 li jemenda r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 dwar il-ħolqien, l-emendar u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji wara l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2026/996, 30.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/996/oj).

([5]) Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar, ir-Repubblika Arġentina, ir-Repubblika Federattiva tal-Brażil, ir-Repubblika tal-Paragwaj u r-Repubblika Orjentali tal-Urugwaj, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2026/184, 27.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2026/184/oj).

(7) Għalhekk, sabiex l-ITA jiġi implimentat b'mod korrett, l-entrati speċifiċi li jridu isiru fuq il-liċenzja jenħtieġ li jiġu ċċarati.

(8) Huwa xieraq li l-iżbalji deskritti fil-premessa 6 jiġu rettifikati b'mod retroattiv, peress li jistgħu joħolqu konfużjoni fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liċenzja maħruġa għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4945. Fil-fatt, għal din il-kwota tariffarja ma waslet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja matul il-perijodu ta' applikazzjoni għal liċenzja f'Mejju 2026, b'hekk ma nħarġet l-ebda liċenzja tal-importazzjoni għal dik il-kwota tariffarja għall-ewwel subperjodu tas-sena 2026. Għalhekk, jenħtieġ li din l-emenda tal-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 tapplika b'mod retroattiv mill-istess data li japplika minnha r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996, jiġifieri l-1 ta' Mejju 2026.

(9) Fl-Artikolu 4(4a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988, jeħtieġ jiġi speċifikat li qed issir referenza għall-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(10) Għal diversi kwoti tariffarji għall-prodotti li joriġinaw mill-Istati tal-Mercosur, il-kwantità fl-ITA hija espressa f'ekwivalenti tal-piż. Madankollu, għadd ta' koeffiċjenti ta' konverżjoni meħtieġa għall-ġestjoni ta' dawn il-kwoti tariffarji mhumiex inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/996, peress li mhumiex inklużi fl-ITA. Jenħtieġ li l-koeffiċjenti tal-konverżjoni neqsin għall-prodotti tal-laħam li jintużaw biex il-piż tal-prodott jiġi kkonvertit f'ekwivalenti tal-piż tal-karkassa jiġu introdotti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.

(11) Il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.0881 stabbilita fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 tikkonċerna l-għasel, u l-perjodu tal-kwota tariffarja jinqasam f'subperjodi. Il-kwantità importata taħt dik il-kwota tariffarja fl-ewwel subperjodu tal-2026 qabżet il-kwantità disponibbli għal dan l-ewwel subperjodu b'152 040 kg. Sabiex jiġi żgurat li l-kwantità prorata għall-2026 mogħtija skont il-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.0881 ma tinqabiżx, jenħtieġ li l-kwantità importata żejda matul l-ewwel subperjodu titnaqqas mill-kwantità għall-aħħar subperjodu tal-2026.

(12) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 u (UE) 2020/1988 jiġu emendati kif xieraq.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi VIII, X u XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 4(4a), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Dan id-dokument jista' jinħareġ b'mod elettroniku f'konformità mal-mudell tad-data ELAN1L-TCDOC. F'dan il-każ, matul il-perjodu tranżitorju, japplikaw l-Artikoli 72a sa 72d tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761.";

(2) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness I, il-punt 2, għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Annessi VIII, X u XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/761 huma emendati kif ġej:

(1) l-Anness VIII huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4920, ir-ringiela "Prova tal-kummerċ", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-kummerċ**	Iva. Il-prova tal-kummerċ hija meħtieġa biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760. 25 tunnellata"

(b) fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4925, ir-ringiela "Prova tal-kummerċ", hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Prova tal-kummerċ**	Iva. Il-prova tal-kummerċ hija meħtieġa biss meta japplika l-Artikolu 9(9) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/760. 25 tunnellata"

(2) fl-Anness X, fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.4945, ir-ringiela "Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni tal-liċenzja u fuq il-liċenzja" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Entrati speċifiċi li jridu jsiru fuq l-applikazzjoni għal-liċenzja u fuq il-liċenzja**	It-Taqsima 8 tal-applikazzjoni għal-liċenzja tal-importazzjoni u tal-liċenzja tal-importazzjoni għandha tindika l-pajjiż tal-oriġini; il-kaxxa "iva" f'dik it-taqsima għandha tiġi mmarkata. Fuq il-liċenzji bbażati fuq il-mudell tad-data ELAN1L-AGRIM, it-Taqsima "Pajjiż tal-oriġini" għandha tindika l-kodiċi ISO 31166-1 alpha-2 tal-Paragwaj. It-Taqsima 24 jew fl-ELAN "Kundizzjonijiet speċjali/dettalji speċjali (test liberu)" għandha tindika "dokument ta' prova tal-oriġini: Mercosur; dokument skont l-Artikolu 3.30: Paragwaj"

(3) il-Parti D tal-Anness XVI hija emendata kif ġej:

(a) fil-punt 1(a), fit-tabella li tirreferi għall-kwoti tariffarji 09.4920 u 09.4925, jiżdiedu l-linji li ġejjin:

"0201 10 00	Karkassi u nofs karkassi tal-annimali bovini, friski	100 %
0202 10 00	Karkassi u nofs karkassi tal-annimali bovini, iffriżati	100 %
0210 99 90	Dqiq u frakass li jittieklu mil-laħam jew mill-ġewwieni tal-laħam tal-annimali bovini	100 %
1602 50 10	Nejjin; taħlitiet tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam imsajrin u tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam nejjin tal-annimali bovini	135 %
1602 90 61	Nejjin; taħlitiet tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam imsajrin u tal-laħam jew tal-ġewwieni tal-laħam nejjin tal-annimali bovini	100 %"

(b) fil-punt 1(b), fit-tabella li tirreferi għall-kwoti tariffarji 09.4940 u 09.4945, jiżdiedu l-linji li ġejjin:

"0203 11 10	Karkassi u nofs karkassi tal-ħanżir domestiku, friski jew imkessħin	100 %
0203 12 19	Spalel u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 11	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %

0203 19 13	Lojns u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 15	Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, friski jew imkessħin	100 %
0203 19 59	Laħam ieħor tal-ħanżir domestiku, frisk jew imkessaħ	100 %
0203 21 10	Karkassi u nofs karkassi tal-ħanżir domestiku, iffriżati	100 %
0203 22 19	Spalel u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, iffriżati	100 %
0203 29 11	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, iffriżati	100 %
0203 29 13	Lojns u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, bl-għadam, iffriżati	100 %
0203 29 15	Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom tal-ħanżir domestiku, iffriżati	100 %
0203 29 59	Laħam ieħor tal-ħanżir domestiku, iffriżat	100 %
0210 11 11	Prieżet u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 11 19	Spalel u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 11 31	Prieżet u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, imnixxfin jew affumikati	120 %
0210 11 39	Spalel u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, imnixxfin jew affumikati	120 %
0210 12 11	Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 12 19	Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, imnixxfin jew affumikati	120 %
0210 19 10	Nofs karkassa tal-bacon jew tliet kwarti anterjuri tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 19 20	Tliet kwarti posterjuri jew partijiet ċentrali tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 19 30	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 19 40	Lojns u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, immellħin jew fis-salmura	100 %
0210 19 50	Laħam ieħor tal-ħanżir, immellaħ jew fis-salmura	120 %
0210 19 60	Truf ta' quddiem u qatgħat tagħhom tal-ħanżir, imnixxfin jew affumikati	120 %
0210 19 70	Lojns qatgħat tagħhom tal-ħanżir, imnixxfin jew affumikati	120 %
0210 19 81	Laħam tal-ħanżir, mingħajr għadam, imnixxef jew affumikat	130 %
0210 19 89	Laħam ieħor tal-ħanżir, imnixxef jew affumikat	120 %
0210 99 41	Fwied tal-ħanżir domestiku	100 %
0210 99 49	Ġewwieni ieħor tal-ħanżir domestiku	100 %
1602 41 10	Prieżet u qatgħat tagħhom, ippreparati jew ippreservati	120 %
1602 42 10	Spalel u qatgħat tagħhom, ippreparati jew ippreservati	120 %
1602 49 11	Lojns (ħlief l-għenuq) u l-qatgħat tagħhom, inkluż taħlitiet tal-lojns jew tal-prieżet, ippreparati jew ippreservati	120 %
1602 49 13	Għenuq u l-qatgħat tagħhom, inkluż taħlitiet tal-għenuq u tal-ispalel, ippreparati jew ippreservati	120 %

1602 49 15	Taħlitiet oħra li jinkludu prieżet (koxox), spalel, lojns jew għenuq, u l-qatgħat tagħhom, ippreparati jew ippreservati	120 %
1602 49 19	Taħlitiet oħra, ippreparati jew ippreservati	120 %
1602 49 30	Taħlitiet b'kontenut, skont il-piż, ta' 40 % jew iktar iżda inqas minn 80 % ta' laħam jew ġewwieni tal-laħam, ta' kwalunkwe tip, inkluż xaħmijiet ta' kull tip jew oriġini, ippreparati jew ippreservati	60 %
1602 49 50	Taħlitiet b'kontenut, skont il-piż, ta' inqas minn 40 % ta' laħam jew ġewwieni tal-laħam, ta' kull tip, inkluż xaħmijiet ta' kwalunkwe tip jew oriġini, ippreparati jew ippreservati	30 %
1602 90 51	Laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat	100 %"

(c) fil-punt 1(c), fit-tabella li tirreferi għall-kwoti tariffarji 09.4960 u 09.4965, jiżdiedu l-linji li ġejjin:

"0207 11 10	Friski jew imkessħa, imnittfin u bil-ġewwieni mneħħi, bl-irjus u s-saqajn, magħrufa bħala "83 % tiġieġ"	100 %
0207 11 30	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	100 %
0207 11 90	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 12 10	Iffriżati, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "70 % tiġieġ"	100 %
0207 12 90	Iffriżati, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "65 % tiġieġ", jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 13 30	Ġwienaħ sħaħ tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 13 40	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 13 99	Ġewwieni ieħor tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, frisk jew imkessaħ	100 %
0207 14 30	Ġwienaħ sħaħ tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 14 40	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 14 99	Ġewwieni ieħor tat-tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, iffriżat	100 %
0207 24 10	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala "80 % dundjani"	100 %
0207 24 90	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala "73 % dundjani", jew ippreżentati mod ieħor	100 %

0207 25 10	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala “80 % dundjani”	100 %
0207 25 90	Iffriżati, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala “73 % dundjani”, jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 26 10	Qatgħat tad-dundjani, mingħajr għadam, friski jew imkessħin	140 %
0207 26 20	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 30	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 40	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 50	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	125 %
0207 26 60	Drumsticks u qatgħat tad-drumsticks, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 70	Koxox u qatgħat tagħhom oħrajn, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 80	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 26 99	Ġewwieni ieħor, friski jew imkessħin	100 %
0207 27 20	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 30	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 40	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 50	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, iffriżati	125 %
0207 27 60	Drumsticks u qatgħat tad-drumsticks, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 70	Koxox u qatgħat tagħhom oħrajn, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 80	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 27 99	Ġewwieni ieħor, iffriżat	100 %
0207 41 20	Friski jew imkessħin, imnittfin, żvinati, bil-ġewwieni mneħħi imma mhux imsewwijin, bl-irjus u bis-saqajn, magħrufa bħala “85 % papri”	100 %
0207 41 30	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala “70 % papri”	100 %
0207 41 80	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala “63 % papri”, jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 42 30	Iffriżati, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn iżda bl-għenuq, bil-qlub, bil-fwied u bil-qnieżaħ, magħrufa bħala “70 % papri”	100 %
0207 42 80	Iffriżati, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn u bla għenuq, qlub, fwied u qnieżaħ, magħrufa bħala “63 % papri”, jew ippreżentati mod ieħor	100 %

0207 44 10	Qatgħat tal-papri, mingħajr għadam, friski jew imkessħin	140 %
0207 44 21	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 31	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 41	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 51	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	120 %
0207 44 61	Koxox u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 71	Paletots, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 81	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 44 99	Ġewwieni ieħor, friski jew imkessħin	100 %
0207 45 10	Qatgħat mingħajr għadam, iffriżati	140 %
0207 45 21	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 31	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 41	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 51	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, iffriżati	120 %
0207 45 61	Koxox u qatgħat tagħhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 71	Paletots, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 81	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 45 99	Ġewwieni ieħor, iffriżat	100 %
0207 51 10	Friski jew imkessħin, imnittfin, żvinati, mhux msewwijin, bl-irjus u bis-saqajn, magħrufa bħala “82 % wiżż”	100 %
0207 51 90	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn, bil-qlub u l-qnieżaħ jew mingħajrhom, magħrufa bħala “75 % wiżż”, jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 52 10	Friski jew imkessħin, imnittfin, żvinati, mhux msewwijin, bl-irjus u bis-saqajn, magħrufa bħala “82 % wiżż”	100 %
0207 52 90	Friski jew imkessħin, imnittfin u msewwijin, bla rjus u bla saqajn, bil-qlub u l-qnieżaħ jew mingħajrhom, magħrufa bħala “75 % wiżż”, jew ippreżentati mod ieħor	100 %
0207 54 10	Qatgħat mingħajr għadam, friski jew imkessħin	140 %
0207 54 21	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 31	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 41	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 51	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	120 %
0207 54 61	Koxox u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 71	Paletots, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 81	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, friski jew imkessħin	100 %
0207 54 99	Ġewwieni ieħor, friski jew imkessħin	100 %

0207 55 10	Qatgħat mingħajr għadam, iffriżati	140 %
0207 55 21	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 31	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 41	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 51	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, iffriżati	120 %
0207 55 61	Koxox u qatgħat tagħhom, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 71	Paletots, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 81	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, iffriżati	100 %
0207 55 99	Ġewwieni ieħor, iffriżat	100 %
0207 60 05	Tal-farawni, mhux imqattgħin f'biċċiet, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 10	Qatgħat tal-farawni, mingħajr għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	140 %
0207 60 21	Nofsijiet jew robbijiet, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 31	Ġwienaħ sħaħ, bit-truf jew mingħajrhom, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 41	Dhur, għenuq, dhur bl-għenuq imwaħħlin, ramp u truf tal-ġwienaħ, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 51	Isdra u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	120 %
0207 60 61	Koxox u qatgħat tagħhom, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 81	Qatgħat oħrajn, bl-għadam, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0207 60 99	Ġewwieni ieħor, friski, imkessħin jew iffriżati	100 %
0209 90 00	Xaħam tal-pollam	100 %
0210 99 39	Laħam, immellaħ, fis-salmura jew imnixxef	145 %
1602 31 11	Laħam, ippreparat jew ippreservat, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam nej tad-dundjan esklużivament	80 %
1602 31 19	Laħam ieħor tad-dundjan, ippreparat jew ippreservat, li fih 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam tal-pollam jew tal-ġewwieni tal-pollam	80 %
1602 31 80	Laħam ieħor tad-dundjan, ippreparat jew ippreservat	40 %
1602 39 21	Laħam nej, ippreparat jew ippreservat, b'kontenut ta' 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam tal-pollam jew tal-ġewwieni tal-pollam	80 %
1602 39 29	Laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat, b'kontenut ta' 57 % jew iktar skont il-piż tal-laħam tal-pollam jew tal-ġewwieni tal-pollam	80 %
1602 39 85	Laħam ieħor, ippreparat jew ippreservat	40 %".

ANNESS II

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1988, fit-tabella li tirreferi għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.0881, ir-ringiela "Kwantità" hija sostitwita b'dan li ġej:

"**Kwantità**	2026: Pro rata ta' 7 500 000 kg 2027: 15 000 000 kg 2028: 22 500 000 kg 2029: 30 000 000 kg 2030: 37 500 000 kg 2031 u snin sussegwenti: 45 000 000 kg Il-kwantità pro rata għas-sena 2026 għandha tinqasam kif ġej: 1 402 040 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ġunju; 1 875 000 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru; u 1 722 960 kg għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru. Għas-sena 2027 u għas-snin sussegwenti, il-kwantità annwali għandha tinqasam kif ġej: 25 % għal kull subperjodu.".